# QORTI TA'L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

**ONOR.IMHALLEF**

**EDWINA GRIMA LL.D.**

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell numru: 53/2013**

**EUROFREIGHT SERVICES LTD. C25544**

**vs**

**MOHAMMED AMHAMED GUMMA (ID192570M)**

Il-Qorti,

Rat is-sentenza moghtija fit-22 ta' April, 2013 mit-Tribunal Ghal Talbiet Żgħar li ippronunzja s-segwenti decizjoni:

*" **It-Tribunal,***

*Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici titlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-intimat ihallas l-ammont ta' elfejn, mija hamsa u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2,175.42) rapprezentanti servizzi rezi lilu mill-istess socjeta' attrici; bl-imghax mid-data minn meta dan l-ammont sar dovut sal-hlas effettiv flimkien ma' l-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 981/11.*

*Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.*

*Ra li gie prezentat kapitolu fl-10 t'April, 2013 mill-Avukat Adrian Camilleri u l-fatt li li l-konvenut naqas li jidher Kopja Informali ta' Sentenza*

*Pagna 2 minn 2 Qrati tal-Gustizzja*

*sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.*

*Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova il-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.*

*Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' elfejn, mija hamsa u sebghin ewro u tnejn u erbghin centezmu (€2,175.42) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' meta l-ammont kien dovut sal-pagament effettiv inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 981/11."*

Illi l-ilment imressaq mill-konvenut appellanti jikkonsisti fil-fatt illi huwa ma kellux smiegħ xieraq għax ma kienx debitament notifikat bis-seduti u għalhekk is-sentenza mogħtija fil-konfront tiegħu mhijiex waħda valida.

Illi s-soċjetà attriċi appellata ressqet talba quddiem it-Tribunal għal Talbiet Żgħar sabiex lill-intimat appellat jigi ikkundannat iħallas is-somma ta' €2175.42 rappreżentanti servizzi reżi lilu mis-soċjetà appellata, flimkien ma' imgħax u spejjeż.

Illi l-avviż ġie notifikat lill-mara tal-appellanti u dan ghaliex l-appellanti kien imsiefer. Minhabba f'din ir-raguni l-appellanti jikkontendi illi ma kienx f'posizzjoni li jippreżenta risposta, u allura, tramite l-avukat difensur tiegħu, talab differiment sabiex huwa ikun jista' jirregola ruħu.

Illi fl-10 ta' April 2013 ġie ippreżentat kapitolu mis-soċjetà appellata għas-subizzjoni tal-appellanti. Illi l-appellanti jgħid illi wara r-rikors għad-differiment, l-avukat difensur tal-appellanti personalment mar jivverifika x'kien fejn d-deputat reġistratur tat-Tribunal infurmah illi l-proċess ma setax jinstab u li għal din ir-raġuni l-kawża kienet ġiet differita għas-7 ta' Mejju 2013.

It-Tribunal iddeċieda il-kawża kontra l-appellanti għar-raġuni illi l-appellanti naqas milli jipprova l-każ tiegħu quddiem it-Tribunal.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi l-Avviż tat-Talba huwa datat **30 ta' Jannar 2013** (fol 1). A fol. 8 ta'l-atti tirriżulta riferta posittiva datata **7 ta' Frar 2013** fejn l-atti ingħataw lil Marcelle Amhammed li kif jirriżulta mir-rikors tal-appell, tiġi mart l-appellanti.

Skont l-**artikolu 187 (1) tal-Kap 12**

> *(1) In-notifika ssir bil-kunsinna ta' kopja tal-iskrittura lill-persuna li lilha l-iskrittura għandha tkun innotifikata, jew billi dik il-kopja titħalla f'idejn membru tal-familja jew tad-dar jew f 'idejn wieħed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f 'idejn il-prokuratur tagħha jew persuna awtorizzata minnha biex tirċievi l-posta tagħha, fil-lok fejn toqgħod jew taħdem jew fil-post tax-xogħol jew fl-indirizz postali tagħha:*

Kwindi il-liġi tipprovdi f'termini cari f'idejn min tista' titħalla kopja tal-iskrittura. Minn eżami tal-*pink card*, dak li seħħ huwa f'konformita' mal-imsemmi artikolu u n-notifika tħalliet f'idejn min seta' jirċieviha, u ċioe mart l-appellanti. Illi minkejja din in-notifika valida, l-appellanti baqa' kontumaċji.

Din il-Qorti tagħmel riferenza għall-**Artikolu 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 380.01** illi jistipula hekk

*(2) Il-konvenut għandu jippreżenta r-risposta tiegħu għat-talba fi żmien tmintax-il jum mid-data meta jkun ġie notifikat bl-avviż tat-talba.*

Jiġi osservat illi fir-rikors tiegħu a fol 12, l-intimat appellanti talab illi s-seduta tal-**14 ta' Marzu 2013**, u ċioe l-jum ta'l-ewwel dehra tal-kawza, tigi differita sabiex jikkomunika mal-avukat tieghu bil-ghan li issir id-debita risposta ghat-talba attrici. Pero, din il-Qorti tosserva illi fid-data tar-rikors li kien jikkontjeni biss talba għad-differiment a fol 12, u cioe'fit-**12 ta' Marzu 2013**, kien laħaq għadda sewwa ż-żmien prefiss mil-liġi li kellu l-appellanti sabiex jagħmel ir-risposta tiegħu għat-talba tas-soċjetà appellanti.

Illi din il-Qorti tosserva illi l-imsemmi rikors baqa mhux iddekretat. Pero minkejja dan, xorta waħda ingħata differiment fis-seduta tal**-14 ta' Marzu 2013** għall-**10 ta' April 2013** u dan peress illi t-Tribunal kien sprovist mill-proċess (fol 9). Premess dan, izda il-Qorti tosserva illi it-talba kontenuta fir-rikors a fol 12 ma setatx fi kwalunkwe kaz, tintlaqa stante illi, kif diġa intqal, it-terminu sabiex isir d-debita risposta kien skada fid-data tar-rikors u ċioe fit-12 ta' Marzu 2013, u dan skond kif stipulat fl-**Artikolu 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 380.01**. Ghalhekk skond id-dispost tal-**artikolu 158(10) tal-Kapitolu. 12,** in vista tal-kontumaċja tiegħu l-intimat appellanti qatt ma seta jippreżenta risposta, jekk mhux bl-awtorizazzjoni tal-Qorti u wara li jinghata l-permess jiggustifika l-kontumelja.

Ġie ritenut mill-qrati tagħna illi

*L-istitut tal-kontumacja hu ntiz bhala fren biex irazzan l-atteggjament tal-kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa"* **Vivian Charmaine Mizzi –vs- Carmel Mizzi", Appell, 13 ta' Lulju 2001.**

Illi fis-seduta tal-**<u>10 ta' April 2013</u>** (fol 10) la l-appellanti, illi kien kontumaċi, u lanqas l-avukat tieghu ma dehru. Kien f'din is-seduta li ġie ippreżentat il-kapitolu ghas-subizzjoni fil-konfront tal-konvenut.

> *"Issa tajjeb qabel xejn li jigi osservat illi f'dan il-kaz is-sentenza appellata nghatat mhux biss fil-kontumacja tal-konvenuti li baqghu ma dehrux quddiem l-ewwel Qorti izda wkoll wara li naqsu li jidhru biex jikkontestaw il-kapitolu. Kif rilevat fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' April 1998 fil-kawza fl-ismijiet "***Anthony Borg -vs- Samuel Veneziani***", "din ic-cirkostanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser li bin-nuqqas tal-konvenut appellant li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret il-prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu ghar-ragunijiet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."* **<u>Sacco Jesmond Et Vs Charles Concetta Et AI 07/05/2004</u>**

L-appellanti jgħid ukoll fir-rikors tal-appell illi il-kapitolu ġie ippreżentat *ad insaputa*, izda imbaghad fl-istess nifs jishaq ukoll illi l-avukat tiegħu tah struzzjonijiet sabiex jidher fis-7 ta' Mejju 2013, u dan wara illi d-deputat reġistratur tat-Tribunal informah illi l-proċess ma setax jinstab u li l-kawża ġiet differita għal dak in-nhar. Madankollu huwa rċieva dokumenti fil-posta id-dar minn fejn irriżultalu li l-kawża kienet ġiet maqtugħa fit-22 ta' April 2013. Din il-Qorti tosserva illi ma jirriżulta ebda verbal b'din id-data ta' differiment. In oltre jingħad ukoll illi l-appellanti seta faċilment isegwi l-kawża u jivverifika d-dati tad-differimenti tal-kawża tiegħu, kif wara kollox kien jinkombi fuqu li jagħmel, u għaldaqstant ma għandux raġun f'dawn l-argumenti tiegħu. Illi finalment il-Qorti ma tistax ma tosservax illi l-appellanti mhux biss naqas milli jipprezenta r-risposta tieghu ghal kawza fit-terminu moghti lilu bil-ligi u naqas

ukoll milli jattendi ghas-seduti quddiem it-Tribunal, izda ukoll naqas milli jattendi quddiem din il-Qorti, ghalkemm debitament innotifikat, kemm ghas-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2014, kif ukoll ghas-seduta tat-28 ta’ Jannar 2015, meta imbaghad l-appell thalla ghas-sentenza fl-assenza tieghu. Dan in-nuqqas ta’ interess ma jistax hlief jimmilita kontra l-appellanti li jidher li qed jipprova jaghmel minn kollox biex itawwal il-proceduri gudizzjarji sabiex jevita l-pagament ta’ dak dovut minnu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata bl-ispejjeż kontra l-appellanti.

Edwina Grima

Imhallef